L-AKKADEMJA TAL-MALTI AD 1920
Dar Doreen Micallef, 12, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Il-Belt Valletta VLT 1341
info@akkademjatalmalti.com | www.akkademjatalmalti.com

**Victor Fenech ir-rebbieħ tal-Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' 2019**

VICTOR FENECH huwa r-rebbieħ tal-Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' għal din is-sena. L-investitura saret f'Jum l-Akkademja tal-Malti mill-Eċċellenza Tiegħu George Vella, President ta' Malta waqt serata fil-Palazz ta' Sant'Anton. Fost il-mistednin kien hemm l-imsieħba tal-Akkademja kif ukoll qraba u ħbieb tal-awturi. Din l-onorifiċenza tingħata lil min ikun iddistingwa ruħu b'ħidma tul ħajtu kollha għall-Ilsien Malti u għal-letteratura Maltija.

Victor Fenech twieled fl-1935. Studja fil-Liċeo, l-Università ta' Malta u fl-Università ta' Londra. Kien membru fil-Moviment Qawmien Letterarju. Il-poeżiji tiegħu dehru fost l-oħrajn fl-antoloġiji *Kwartett*, *Antenni*, *Qawsalla*, u *Bejn Ħaltejn* kif ukoll f'ġabriet personali bħal *Sangraal*, *L-Aħħar Rimi*, *Sajonara*, *Il-Poeżiji*, u *PS – Muża Mħallta*. Il-protesta sa mill-bidu kienet waħda mit-temi ewlenin fil-poeżija tiegħu. Poeżiji tiegħu dehru wkoll f'*Il-Malti* u f'*Leħen il-Malti*.

Fenech ippubblika l-ġabriet ta' novelli *Rakkonti-Inkontri, XitaSkiet,* u r-rumanz *Ix-Xitwa ta' Wara s-Sjuf.*

Qaleb għall-Malti *Il-Profeta* ta' Kahlil Gibran. Ta ħafna għajnuna lill-Klabb Kotba Maltin fl-ewwel snin tiegħu u ta sehem kbir ukoll fil-pubblikazzjoni ta' *Id-Denfil* li kien jintuża fl-iskejjel primarji.

Esperimenta wkoll kitba għat-tfal fosthom *Jien Kewkba Ċkejkna*, *In-Nagħġa s-Sewda* u *L-Għorfa f'tarf l-Irdum* u *Id-Dawl fit-Tieqa*. Editja diversi kotba għat-tfal mad-dar tal-pubblikazzjoni Horizons.

Kien editur tar-rivista *Sagħtar* u għal xi żmien kien responsabbli mill-pubblikazzjonijiet tal-MUT kif ukoll kien editur ta' *The Teacher*. Serva għal għadd ta' snin fuq il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u fil-kunsill tal-Akkademja tal-Malti. Għall-Akkademja tal-Malti ħa ħsieb pubblikazzjoni mill-isbaħ dwar Doreen Micallef. Ippubblika wkoll il-ktieb *Il-Ktieb Malti* parti mill-*Kullana Kulturali*.

Waqt l-investitura, il-President Vella feraħ lis-Sur Fenech u ddeskrivieh bħala bniedem li ddistingwa ruħu l-aktar b'ħidma fuq tul ta' żmien għall-iżvilupp tal-Ilsien Malti u tal-letteratura Maltija.

Din kienet ir-raba' Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' li ngħatat. Fl-2016 ingħatat lil Oliver Friggieri, is-sena ta' wara lil Monsinjur Lawrenz Cachia u s-sena l-oħra lil Trevor Zahra.